MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 1304/2004

**Primrose Poultry Products Limited**

**Vs**

**Emanuel Agius u Koperattiva tat-Tjur Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti solidalment bejniethom ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba` mija u hmistax il-lira maltija u tletin centezmu llum ekwivalenti ghal Euro3,296.76c rapprezentanti prezz mhux imhallas ta` flieles mibjugha u konsenjati u fil-konfront tal-Koperattiva l-ammont mitlub huwa parti minn somma akbar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru datat 10 ta` Gunju, 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-

konsenja kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Emanuel Agius datata 15 ta` Lulju, 2004 li permezz taghha kkontesta t-talba attrici billi fl-ewwel lok jafferma li ma hemmx solidarjeta` bejn il-konvenuti; li t-talbiet kienu nfondati fid-dritt u fil-fatt; u li l-konvenut Agius ma xtara ebda flieles minghand is-socjeta` attrici stante li dawn jinxtraw minghand il-Koperattiva u hija din ta` l-ahhar li tixtri minghand is-socjeta` attrici skond prattika kostanti. Fl-ahhar nett kwalunkwe tjur li setghu nxtraw mis-socjeta` attrici gew imhallsa pjenament.

B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra li l-Koperattiva baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-Koperattiva konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment l-istess Koperattiva konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-12 ta` Dicembru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra u ammessa mill-Koperattiva konvenuta.

Fir-rigward tat-talbiet dedotti wkoll kontra l-konvenut Agius, iz-zewg partijiet resqu l-provi taghhom in sostenn tat-talba u tal-kontestazzjonijiet rispettivament.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ezamina z-zewg noti ta` sottomissjonijietipprezentati mill-abbli difensuri tas-socjeta` attrici minn naha u tal-konvenut Agius minn naha l-ohra.

Ikkunsidra.

George Borg ghas-socjeta` attrici jafferma li r-relazzjoni taghha fir-rigward tal-bejgh tal-flieles tkun kemm mal-Koperattiva u kif ukoll mal-membri ta` l-istess Koperattiva. Fil-fatt meta l-klijent igib il-karta s-safra minghand il-veterinarju sabiex ikun jista` jakkwista l-flieles, din tinhareg fuq isem il-klijent u mhux fuq il-Koperattiva. Fil-fatt fil-kaz in kwistjoni kemm l-invoice u kif ukoll id-delivery note inhargu fuq il-klijent Agius. Il-konvenut Agius kien hallas ammont akkont.  Fil-fatt l-ammont originali kien ta` Lm2,643.70c filwaqt li r-rimanenti bilanc li qed jintalab huwa fis-somma ta` Lm1,415.30. George Borg pero` ighid ukoll li dan il-pagament akkont, il-konvenut Agius kien ghaddieh lil Koperattiva u din ta` l-ahhar iffirmatu u ghaddietu lis-socjeta` attrici. Vide Dok. H a fol. 31 tal-process. Dan il-pagament jinsab rifless ukoll fid-dokument ezebit a fol. 44 tal-process mnejn jirrizulta ghal darba ohra li l-konvenut Agius ikun hallas direttament lill-Koperattiva u mhux lis-socjeta` attrici. Dan l-istess dokument a fol. 44 tal-process jindika wkoll li l-konvenut Agius kien anke hallas il-Koperattiva tal-konsenja l-ohra ta` 7000 fellus tramite cheque numru 66 mahrug fuq l-APS. Grace Borg l-iskrivana tal-Koperattiva tikkonferma bil-gurament taghha li l-konvenut Agius kien fil-fatt hallas zewg pagamenti lill-Koperattiva u dawna ghaz-zewg konsenji ta` flieles li kien akkwista.

Is-socjeta` attrici pprezentat Dok F (i) a fol. 25 tal-process konsistenti fl-invoice relattiva fejn hemm indikat isem iz-zewg konvenuti u l-kliem *“jointly and severally”.* It-Tribunal pero` jinnota f’dan ir-rigward li isem il-konvenut Agius u *jointly and severally* jidhru miktuba b’mod differenti minn isem il-Koperattiva. L-istess jinghad ghall-invoice ezebita a fol. 28 tal-process u dana nonostante li kien xehed mod iehor Robert Borg fuq din il-frazi fejn allega li dawn tnizzlu fl-istess okkazzjoni qabel ma nghataw lill-klijent.  Giet ezebita ukoll id-delivery note a fol. 26 tal-process fejn

jinsab indikat anke bil-firma ta` l-istess konvenut Agius li gew ikkonsenjati lilu 7,000 broiler. L-istess jinghad ghad-delivery note ezebita bhala Dok F (ii) a fol. 29 tal-process.

Gie ezebit a fol. 46 et seq bhala Dok. KB1 il-kuntratt fl-intier tieghu bejn il-Koperattiva u s-socjeta` attrici. Minn dan il-kuntratt ghandu jirrizulta li r-relazzjoni kontrattwali kienet biss bejn il-konvenut Koperattiva u s-socjeta` attrici u kwindi mhux inkluzi l-breeders individwali. Fil-fatt fuq domanda specifika maghmula mis-socjeta` attrici, x-xhud Gaetano Pace jafferma li l-obbligu tal-hlas lis-socjeta` attrici kienet tinkombi esklussivament fuq il-Koperattiva u mhux fuq il-bidwi individwali. Ighid ukoll li l-ordni ghax-xiri tal-flieles kienet issir direttament mill-Koperattiva. Din ta` l-ahhar kienet thallas lis-socjeta` attrici filwaqt kienet l-istess Koperattiva li tigbor il-pagamenti relattivi minghand il-bidwi.  Dan ix-xhud isemmi wkoll li l-konvenut Agius kien jaghmel mal-Koperattiva ta` Ghawdex u mhux ma` dik ta` Malta, liema zewg Koperattivi kienu separati u distinti minn ma` xulxin. Pero` l-istess Agius kien inghata struzzjonijiet sabiex ihallas tal-flieles direttament lill-Koperattiva ta` Malta u mhux ta` Ghawdex sabiex dik ta` qabel tghaddihom lis-socjeta` attrici. Fil-fatt skond dan ix-xhud, huwa jikkonferma li l-konvenut Agius hekk kien ghamel u cioe` kien hallas ghal flieles b’cheque direttament pagabbli lill-Koperattiva ta` Malta.

Il-konvenut Agius jafferma li huwa ma kien ghamel ebda ordni ta` flieles pero` kien accetta li jixtri minghand il-Koperattiva xi flieles li kien ser ikollhom zejda u l-prezz ta` liema kien gie miftiehem bejnu u bejn Gafa bhala rapprezentant tal-Koperattiva. Fil-fatt is-socjeta` attrici kienet ikkonsenjatlu zewg konsenji ta` flieles fil-farm tieghu u kien hu li ffirma z-zewg delivery notes rispettivi. Huwa jinsisti pero` li z-zewg invoices li ffirma hu wkoll kienu ndirizzati lill-Koperattiva u mhux lilu wkoll. Barra minnhekk jafferma li l-frazi *“jointly and severally”* ma kinietx ezistenti fil-mument meta ffirmhom. Meta staqsa ghall-original ta` l-invoice din ma naghtatlux peress li qalulu li tali dokument kien intiz ghall-Koperattiva. Il-konvenut Agius jikkonferma wkoll li huwa kien hallas ghal dawn iz-zewg konsenji u dana direttament lill-Koperattiva

ta` Malta kif gie dirett li jaghmel u dana kif jirrizulta mic-cheques ezebiti a fol. 31 u 45 tal-process u mir-relattivi ricevuti a fol. 44 tal-process. Il-verzjoni moghtija mill-konvenut tinsab korroborata u msahha f'diversi partijiet taghha minn xi xhieda li ressaq dan l-istess konvenut u cioe` mix-xhud Anthony Zammit, George Cini u Salvu Grima.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Emanuel Agius u kwindi jirrespingi t-talba attrici fil-konfront tieghu bl-ispejjez relattivi a karigu tas-socjeta` attrici u fit-tieni lok u dana fil-konfront tal-Koperattiva konvenuta it-Tribunal isib li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba u kwindi jikkundanna lill-Koperattiva tat-Tjur Ltd thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro3,296.76c gia` Lm1,415.30c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess Koperattiva konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------